MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 35/1995/1

**Carmelo Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Camilleri Establishments Limited**

**v.**

**Eucharist sive Chris Cassar ghan-nom u in rapprezentanza ta’ C & S Supermarkets Limited.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Permezz ta’ citazzjoni pprezentata fit-8 ta’ Gunju 1995, l-attur nomine talab lill-Qorti tiddikjara lill-konvenut nomine debitur tieghu fl-ammont ta’ LM27,532.81 u

tikkundannah ihallas l-ammont minnu pretiz bl-interessi mill-ahhar ta’ Mejju 1995 sal-hlas effettiv. L-attur talab ukoll illi l-kawza tinstema` bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 u dawk sussegwenti tal-Kapitolu 12, ghaliex id-debitu kien cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma kellu ebda eccezzjoni x’jaghti ghal hlas. Wara li fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 1995, il-partijiet qablu li s-socjeta` konvenuta kellha tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet din gietipprezentata fl-20 ta’ Gunju 1995. Il-konvenut nomine wara li ppremetta li l-kawza odjerna kienet saret intempestivament ghaliex giet intavolata qabel ma gie pprezentat kont dettaljat mill-attur dwar l-ammont minnhom pretiz, ikkontesta l-istess ammont. Il-konvenut nomine eccepixxa inoltre li l-ebda interessi ma kellhom jithallsu u fi kwalunwe kaz, l-ammont ta’ interessi mitlub mill-attur nomine huwa esagerat u bazat fuq metodu ta’ kalkolazzjoni ta’ interessi zbaljat.

1.2. Illi bi qbil bejn il-partijiet kontendenti, il-Qorti appuntat lil John Bonnici bhala perit komputista. L-espert tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu fil-5 ta’ Novembru 1998 u kkonkluda li l-Qorti kellha tilqa’ t-talba attrici b’imghaxijiet ulterjuri mill-31 ta’ Mejju 1995 sad-data tal-pagament effettiv. Wara l-prezentata ta’ diversi noti mill-partijiet kontendenti, fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2002 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-1 ta’ Ottubru 2002 “b’dana li jekk il-Qorti ghal xi raguni ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet ta’ l-espert komputista, allura d-decizjoni ghandha tkun limitata sabiex tiddefinixxi l-punti legali involuti, u jinhatar espert sabiex issir il-likwidazzjoni kif jigi definit f’din is-sentenza, u tibqa’ differita ghal decizjoni finali wara li l-espert ikun ezawrixxa tali inkarigu.[1]” Fit-23 ta’ Settembru 2002 l-ammont mitlub mill-attur nomine gie ridott ghas-somma ta’ LM20,465.04.

1.3. B’sentenza *in parte* ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 (fol. 226), il-Qorti ta’ Prim Istanza ordnat li l-process jerga` jigi rimess lill-espert tekniku John Bonnici sabiex dan jirrevedi l-kalkoli tieghu dwar dak li hu dovut lis-socjeta` attrici, fid-dawl ta’ dak deciz minnha fil-korp ta’ dik is-sentenza. Dan

[1] Fol 196

rega’ ipprezenta relazzjoni addizzjonali f’Marzu 2003. Il-mertu tal-kawza odjerna gie deciz permezz ta’ sentenza finali tal-5 ta’ Ottubru 2004. Dawn id-decizjonijiet sejrin jigu riprodott *in toto* ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell. Fid-decizjoni tal-1 ta’ Ottubru 2002 kien gie deciz hekk:
“Il-Qorti ,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta:

“Illi d-ditta konvenuta hija debitrici tad-ditta attrici fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf hames mija u tnejn u tletin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm27,532.81,0) u dan bhala bilanc ta’ somma akbar, sabiex jigi maghluq kont wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija ghall-istabbiliment ta’ BHS f’Ghawdex appartenenti lill-konvenut u dan kollu skond ‘sub-franchise agreement’: liema somma tinkludi wkoll spejjez u hlas dovut skond l-istess ‘sub-franchise agreement’, kif ukoll interessi sal-31 ta’ Mejju 1995; Dokument “B” huwa rezokont tas-somma dovuta;

“Illi interpellat biex ihallas bil-fomm il-konvenut baqa’ inadempjenti;

“Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x’jaghti ghal hlas tieghu;

“Illi l-konvenut hallas l-ahhar pagament fit-18 ta’ Frar, 1995.

“Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Prevja d-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikolu 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici ta’ l-organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf, hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm27,532.81c0).

“Bl-interessi mill-ahhar ta’ Mejju 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment.

“Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine mahlufa minn Carmelo Camilleri.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa:

“1. Illi in linea preliminari din ic-citazzjoni saret intempestivament u l-esponenti ma ghandu ebda parti (sic) mill-ispejjez gudizzjarji involuti, ghaliex bhala fatt jirrizulta illi din ic-citazzjoni giet prezentata qabel ma l-atturi prezentaw kont dettaljat ta’ l-ammont illi huma kienu qeghdin jippretendu illi ghandhom jiehdu minghand l-eccipjenti.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont illi l-esponenti ghandu realment ihallas lill-atturi ma hux ta’ LM27,532.81c kif mitlub fic-citazzjoni, izda ta’ Lm6653.19c. Skond il-kontijiet prezentati mill-atturi, invece, l-ammont dovut hu ta’ Lm7067.77c. L-esponenti gia offra illi jhallas l-ammont globali mitlub mill-atturi – Lm7067.77c minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ l-interessi, u appena jsiru l-prattiki necessarji sabiex il-flus illi l-esponenti nomine ghandu frizati fil-bank minhabba l-mandat ta’ sekwestru prezentat mill-atturi jkunu jistghu jigu utilizzati sabiex isir dan il-pagament.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jsostni illi l-attur nomine ma hux intitolat jitlob interessi fuq l-ammont illi l-esponenti ghandu jhallsu, u fi kwalunkwe kaz minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta’ interessi mitlub mill-atturi zgur illi huwa wiehed esagerat u bazat fuq metodu ta’ kalkolazzjoni ta’ l-interessi zbaljat.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine mahlufa minn Eucharist Cassar.

“Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Otubru 1995 fejn innominat lil John Bonnici bhala espert komputista.

“Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit ipprezentata fil-5 ta’ Novembru 1998 u mahlufa fis-27 ta’ Ottubru 1998.

“Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti pprezentati ghall-konsiderazzjoni ta’ l-espert komputista meta dan kien qed jipprepara ir-rapport tieghu.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti in segwitu ghal dan ir-rapport.

“Rat in-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-attur nomine tat-23 ta’ Settembru, 2002 fejn it-talba giet ridotta ghas-somma ta’ ghoxrin elf erba’ mija hamsa u sittin lira maltin u erba’ centezmi (Lm20,465.04) in segwitu ghal-hlas fil-mori tal-kawza ta’ sebat elef sebgha u sittin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM7,067.77).

“Rat il-verbal taghha tat-22 ta’ Jannar 2002 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza in parte.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u l-affidavits u dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur nomine qed jitlob minghand il-konvenut nomine il-hlas ta’ l-ammont indikat fic-citazzjoni, kif sussegwentement ridott permezz tan-nota hawn imsemmija, bhala bilanc minn debitu akbar li jallega illi l-konvenut nomine kellu mieghu. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-*quantum* ta’ l-ammont li ghadu dovut fuq il-kontijiet pendenti tal-konvenut nomine, partikolarment jekk humiex dovuti mghaxijiet, minn meta jistghu ikunu dovuti u l-modalitajiet ta’ kif gew ikkalkolati l-istess imghaxijiet.

"Irrizulta illi permezz ta' skritttura privata datata l-25 ta' Awissu 1990 (Dok. AC 1 esebit mill-attur nomine fis-seduta peritali tas-27 ta' Jannar 1996), is-socjetajiet kummercjali rapprezentati rispettivament mill-kontendenti f'din il-kawza, lahqu ftehim bejniethom li permezz tieghu il-kumpanija Camilleri Enterprises Limited ta' l-attur nomine u li ghandha l-*franchise* tad-ditta ingliza BhS p.l.c. tat lill-kumpanija l-ohra C&S Limited tal-konvenut nomine, id-dritt esklussiv illi tbiegh prodotti tal-marka "BHS" mill-hanut taghha f"Ghawdex, u dana bil-kundizzjonijiet kollha indikati fl-istess skrittura. Jidher illi n-negozju bejn il-kontendenti beda effettivament bil-kunsinna ta' l-ewwel merkanzija fis-16 ta' Ottubru 1990 u baqa' sejjer sakemm saret l-ahhar kunsinna fil-31 ta' Mejju 1995. Tul dan il-perijodu kienu jsiru pagamenti akkont mill-konvenut nomine, imma qatt ma nqata' l-bilanc kollu dovut, sabiex sakemm gie terminat in-negozju ta' bejniethom, kien ghad baqa' xi ammont dovut, li pero` l-kontendenti, kif inghad, mhumiex jaqblu fuqu ghal diversi ragunijiet.

"Ir-relazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet gew regolati b'mod formali permezz ta' skrittura privata ffirmata fil-25 ta' Awissu 1990 (Dok. A.C. 1 pprezentat waqt is-seduti peritali mill-attur nomine). F'dik l-iskrittura gew stipulati l-modalitajiet kollha dwar ix-xiri, kunsinna u hlas ghall-merkanzija tad-ditta BHS li kellha tinbiegh mill-hanut tal-konvenut nomine gewwa r-Rabat, Ghawdex (ara klawsoli tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) ta' l-istess skrittura). Irrizulta illi, minkjja dak li kien gie stipulat f'dan il-ftehim, il-partijiet ghal xi raguni jew ohra li ma gietx spjegata sewwa, ftit wara li bdew jinnegozjaw bejniethom, ma baqghux josservaw dawn il-modalitajiet kollha, specjalment dwar il-prezentata ta' *letter of credit* il-bank. Minflok bdew ihaddmu sistema fejn tithallas lira maltija ghal kull lira sterlina indikata fuq l-*invoice* mibghuta mill-BHS ta' l-Ingilterra, bid-differenza fil-kambju taghmel tajjeb approssimattivament ghall-ispejjez konnessi mad-dwana, *charges*, taxxi u *commission* ta' l-attur nomine bhala l-*francisee.* Pero` lanqas din is-sistema ta' hlas ma baqghet tigi osservata regolarment u l-konvenut nomine waqa' lura sew fil-pagamenti, sabiex sa ftit xhur qabel ma gie terminat in-negozju ta' bejniethom, il-konvenut

nomine gie rinfaccjat b'kont ta' 'l fuq minn sebghin elf lira maltija (Lm70,000).

"Wara li fit-18 ta' Frar 1995 sar pagament ta' sitta u hamsin elf lira maltija (Lm56,000), li l-konvenut nomine kien jirrikonoxxi bhala certament dovuti lill-atttur nomine, kien ghad baqa' bilanc li pero` l-parti l-kbira tieghu gie kontestat bhala mhux dovut ghal diversi ragunijiet kif ser jigi spjegat hawn taht.

"L-ewwel kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti tirrigwarda l-kwistjoni jekk humiex dovuti interessi fuq id-debiti kapitali akkumulati kontra l-konvenut nomine matul is-snin li dam jopera n-negozju bejn il-kontendenti. Il-konvenut nomine jsostni illi qatt ma kienu ssemmew interessi, la fil-ftehim ta' l-elf disa' mija u disghin (1990) u lanqas fil-kontijiet li kienu jircievu dwar kull kunsinna ta' merkanzija. Infatti jghid li kien ferm sorpriz meta f'xi zmien fl-elf disa' mija erbgha u disghin (1994) ircieva l-ewwel *statement* minghand is-socjeta` attrici u nnota li kienu gew inkluzi l-interessi. L-artikli 1139-1141 tal-Kodici Civili jitkellmu fuq l-interessi kkalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dovuti *ipso jure* fuq obbligazzjonijiet kummercjali. M'hemmx dubbju li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet wahda ta' natura kummercjali. In-negozju sar appuntu minn zewg socjetajiet imwaqqfa apposta sabiex jezecitaw in-negozju ghal skopijiet ta' lukru. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell:
"*Il creditore puo' domandare giudizziariamente gli interessi di un debito commerciale dal giorno della contratta obbligazione, ancorche non li avesse reclamati in un precedente conto od interpellazione, quando non si provi che egli vi abbia rinunziato*" (Giuseppe ed Ettore fratelli Caruana Scicluna noe v negoziante Giuseppe Azzopardi Vol. XXI. i. 5; ara wkoll Appell: Caruana Scicluna v Portelli 3.12.1909)."

"Ghalhekk taqbel ma' dak li qal l-attur nomine fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu pprezentata quddiem l-espert komputista fis-sens illi:
"*U huwa car li l-atturi fil-kawza odjerna qatt ma rrinunzjaw ghal tali interessi. Aktar u aktar meta wiehed iqis li huma*

*biex joperaw u biex ihallsu lil BHS barra minn Malta kellhom jisselfu u kienu qedin ihallsu interessi. Mhux verosimili li wiehed jghid li l-atturi kienu qeghdin jissussidjaw lill-konvenuti billi jhallsu barra bl-imghax u ma jigbrux huma ukoll l-imghax minghand il-konvenuti ta' dak mibjugh lilhom* ….” ( a fol. 128 tal-process).”

“Gialadarba gie stabilit illi interessi huma certament dovuti fuq l-ammonti bilancjali, trid tigi issa ttrattata t-tieni kwistjoni imqajma mill-konvenut nomine. “Din tirrigwarda z-zmien minn meta ghandu jigi kkakolat dan l-imghax. Il-konvenut nomine jikkontendi wkoll fin-nota tieghu quddiem l-espert komputista (a fol. 137) illi hawnhekk si tratta minn kont kurrent fejn l-interessi jiddekorru mid-data ta' l-eghluq ta' l-istess kont. Huwa jiccita l-artikoli 264 tal-Kodici tal-Kummerc li jistipula illi:
“ Il-kont kurrent hu kuntratt li bih zewg persuni jiftiehmu li r-rimessi ta' xulxin jigu mnizzlin f'kont bhala partiti ta' dejn u ta' kreditu, bl-obbligu tal-parti li kontra taghha jinsab bilanc meta jinghalaq il-kont li thallas dak il-bilanc”, u l-artikolu relatat 271 ta' l-istess Kodici li jghid illi:

“Fin-nuqqas ta' ftehim xort'ohra, il-kont kurrent jinghalaq kull sena”.

“Imma jista' jinghad illi fil-kaz in ezami l-partijiet kienu tassew qed joperaw bejniethom kont kurrenti kif imfisser mill-ligi, biex allura l-interessi jigu kkalkolati b'effett minn meta jinghalaq il-kont, kif jippretendi l-konvenut nomine ?

“Alberto Trabucchi fl-Istituzioni di Diritto Civile (Cedam 38ma ed. 1998 pag. 805) jispjega f'dan ir-rigward illi:
“Quando due imprenditori abbiano tra loro durevoli e frequenti rapporti di affari (per cui l'uno compra, vende, esegue commisioni per l'altro, l'uno esige cambiali e l'altro incassa delle somme che dovrebbe ritrasmettere, e reciprocamente chi e' creditore a un titolo e' debitore per altra causa) non hanno interesse a liquidare di volta in volta i loro rapporti. Per risparmiare tempo e spese lucrando anche gli interessi delle somme che restano a credito, e' spesso piu' conveniente che ciascuna parte

trattenga le somme di cui e’ debitrice, attendendo il saldo periodico dei reciproci rapporti.”

“Infatti l-istess awtur jelenka t-tliet elementi tal-kont kurrent bhala:
“a. *obbligatoria inserzione nel conto delle rimesse ricevute;*
“b. *inesigibilita’ dei singoli crediti per la durata stabilita;* u
“c. *esigibilita’ del saldo a chiusura di ciascun periodo,dopo operatasi la compensazione fino a concorrenza delle partite contrapposte.*

“Il-Qorti taqbel ma’ dak li wiegeb l-attur nomine fin-nota responsiva tieghu quddiem il-perit komputista, illi fil-kaz in ezami kien hemm dak li sejjahlu *a credit agreement* bejn il-partijiet u mhux kont kurrent. Kif tajjeb qal fl-istess nota (a fol. 143):
“… *hawn ghandek kuntratt ta’ bejgh u xiri skond il-kuntratt iffirmat mill-partijiet fejn l-atturi qeghdin ibieghu u jikkonsenjaw il-prodott u l-konvenuti qeghdin jixtru u jhallsu l-prezz f’pagamenti akkont. Fil-fatt il-hlas ma kienx isir ma u kontra kull partita mibjugha u kkonsenjata, kien jigi mizmum kont mill-atturi….. li jindika l-ammonti dovuti mill-konvenuti u l-hlasijiet maghmula minnhom u mnaqqsa mill-istess kont ….. Kien biss pratika ta’ “credit agreement” li jigi tradott f’forma ta’ kont maghmul unilateralment mill-atturi …, sabiex f’kull mument wiehed ikun jista’ jara x’kien il-bilanc dovut mill-konvenuti lill-atturi man mano li l-konvenuti kienu qedin ihalsu. Kuntratt ta’ kont kurent u huwa intiz illi l-partijiet qeghdin jaghtu servizz jew prodotti lil xulxin b’mod illi z-zewg partijiet huma debituri u kredituri ta’ xulxin b’mod li mhux car favur jew kontra min qieghed il-bilanc f’punt partikolari tat-transazzjoni…..*”.
“Stabilit li l-kont in kwistjoni ma kienx wiehed ta’ kont kurrent, irid jigi f’dan l-istadju deciz minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-interessi, u dan fid-dawl tal-kontensjoni tal-konvenut nomine li ma jiddekorrux interessi fuq ammont mhux likwidat u mhux determinabbli. Il-konvenut nomine fin-noti tieghu jiccita minn diversi sentenzi fis-sens illi ma humiex dovuti interessi fuq ammonti li ghad iridu jigu likwidati jew li mhumiex facilment determinabbli (ara:

Brigadier John Bell McCance noe. v. Antonio Sammut: XXXIII. i. 439; Spiridione L. Mizzi et noe. v Emmanuele Falzon: XXXVIII. iii. 642; Antonio Buttigieg v Salvatore Said: XXXVI. iii. 599 u ohrajn a fol. 138-139). Huwa jsostni illi bis-sistema adoperata bejn il-partijiet, qatt ma kien f'pozizzjoni li jkun jaf ezattament x'inhu dovut ghall-merkanzija li kienet tigi minn zmien ghal zmien konsenjata lilu. Dana la mill-*invoice* tal-Bhs ta' l-Ingilterra li, apparti l-fatt illi kienet tkun ikkwotata f'munita sterlina, ma kienitx tinkludi l-ispejjez addizzjonali u lanqas bis-sistema ta' lira b'lira li kienet approssimattiva wisq. Huwa ghalhekk jinsisti illi jekk hemm xi interessi dovuti, dawn huma dekorribbli biss mid-data tal-hrug ta' l-*invoice* li kienet tintbaghat kull tant zmien mill-attur nomine.

"L-attur nomine minn naha l-ohra jikkontendi illi l-imghaxijiet huma dovuti mid-data tal-konsenja, ghax ghalkemm l-ammont dovut ma kienx ikun likwidat kollu permezz tal-fattura mibghuta mis-socjeta` estera, il-konvenut kien f'pozizzjoni li facilment seta' jikkalkula x'ghandu jaghti, sew permezz tad-*data* migbura fuq id-*diskette* li kienet tintbaghat ma' kull konsenja, kif ukoll bl-informazzjoni li kienu jfornu rapprezentanti tas-socjeta` attrici kull meta kien ikun hemm xi diffikolta' f'dan ir-rigward. Infatti l-attur nomine jargumenta illi tant kienu jkunu maghrufa l-ispejjez, illi l-konvenut nomine dejjem irnexxielu johrog l-oggetti mixtrija minghandu ghal-bejgh fil-hanut tieghu bil-prezz iffissat, u ma kienx ikollu ghalfejn jistenna li jircievi l-*invoice* formali.

"L-espert komputista ddecieda illi jaghmel il-kalkoli ta' dak li ghadu dovut bhala interessi mid-data tal-konsenja ta' kull lott ta' merkanzija, ghal dak li kien jigi direttament minghand il-BhS ta' l-ingilterra u mid-data tal-fattura ta' Camilleri Establishments Limited ghal-dik il-merkanzija mixtrija *"Store to Store"* ( ara relazzjoni peritali a fol. 94-95). Din il-Qorti taqbel ma' l-espert taghha ghal dak li jirrigwarda l-merkanzija mixtrija minghand is-socjeta` attrici, ghax ma jistghax qatt ikun mod iehor, gialadarba f'tali kazijiet ma kienitx tinhareg fattura tal-BHS ta' l-Ingilterra. Imma fil-fehma taghha thoss illi ghandu ragun il-konvenut nomine illi lanqas ghal dak li kien ikun mixtri

direttament mill-Ingilterra, minkejja illi hafna drabi l-merkanzija kienet tigi akkumpanjata bil-fattura b'kollox, huwa xorta wahda ma kienx ikun f'pozizzjoni li jistabilixxi sew dak li kien ikun dovut. Irrizulta illi fil-parti l-kbira tal-kazijiet anke din il-merkanzija kienet tingabar mill-istores ta' Camilleri Establishments Limited u mhux direttamnet mid-Dwana. Ghalhekk ghall-ispejjez tad-dwana, charges, u taxxi kienet taghmel tajjeb l-istess C.E.L., flimkien ma' dak li kien jirrigwarda l-merkanzija intenzjonata ghall-hwienet taghha stess f'Malta. Huwa minnu illi ghal xi zmien kienet qed tinhadem is-sistema ta' "lira b'lira" biex b'mod approssimattiv hafna ikun jista' jsir xi pagament da parti ta' C&S. Imma lanqas din is-sistema ma jidher illi setghet tibqa' tigi operata fit-tul, ghax kienu dejjem jinqalghu id-diffikultajiet. Intant fil-mankanza ta' fatturi regolari mibghuta mis-C.E.L., is-socjeta` konvenuta spiccat thallas xi haga b'mod sporadiku biex dejjem jinqata' parti mill-kont.

"Huwa sinjifikanti illi ghalkemm l-espert komputista jghid illi hadem l-interessi dovuti fuq il-merkanzija li kienet tasal direttament mill-Ingilterra ghas-C & S mid-data tal-kunsinna, zgur li ma setghax jaghmel dan semplicement a bazi tal-fatturi ta' l-Ingilterra, ghax dawn ma kienux ifornu bizzejjed dettalji dwar kontijiet u spejjez,imma kellu necessarjament jirreferi ghall-fatturi rilaxxjati dwar l-istess kunsinni mis-C.E.L. Fir-rapport tieghu l-espert komputista jargumenta illi mhux sewwa illi s-socjeta` konvenuta tibbenefika mit-traskuragini tas-socjeta` attrici u d-dewmien taghha biex tibghat fatturi b'mod regolari. Imma l-Qorti pjuttost taqbel mal-konvenut nomine illi lanqas m'ghandu jigi penalizzat hu minhabba l-istess traskuragini. Kieku dawn il-fatturi ntbaghtu regolarment u fi zmien qasir wara l-kunsinna tal-merkanzija lis-C & S, il-konvenut nomine ma kien ikollu ebda skuza ghad-dewmien fil-hlas u tali dewmien kien certament ikun a skapitu tieghu. Imma ma jistghax jinghad l-istess fil-kaz in ezami. Is-C.E.L. kienu x'kienu r-ragunijiet taghha ghal dan id-dewmien biex tibghat il-fatturi relattivi, zgur li ma tistghax tghid illi ma kienitx f'pozizzjoni li tikkalkula dak li kien rejalment dovut gialadarba l-inforazzjoni mehtiega kienet tkun kollha f'idejha.

"Ghalhekk  f'dan ir-rigward ghandu ragun il-konvenut nomine jinsisti illi l-kalkoli ta' l-interessi dovuti, ghandhom isiru kollha kemm huma b'effett mid-data tal-fattura relattiva mahruga minn Camilleri Establishmnet Limited dwar kull kunsinna ta' merkanzija  maghmula lis-C & S Supermarkets Limited.

"Ilment iehor imsemmi mill-konvenut nomine jirrigwarda l-fatt illi l-espert komputista fil-kalkoli tieghu (ara Appendici 'A u 'B' annessi mar-rapport peritali a fol. 97- 107) ikkapitalizza l-interessi. L-artikolu 1142 tal-Kap.16 jistipula illa:
"L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz li wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena."

"It-talba gudizzjarja trid issir permezz ta' kawza, ghax "*il protesto precedentemente avanzato … non poteva aver l'effetto voluto dalla legge per far decorrere gli interessi sugli interessi scaduti, per la ragione che il protesto e qualunque altro atto giudiziario, contenenete una interpellazione od una dichiarazione d'animo non equivale alla domanda dedotta in giudizio contemplata nel citato art. 848* (illum l-art. 1142  K.C.) *la quale non puo' aver luogo, che per citazione o libello, od in altro modo determinato dalla legge*" (Vincenzo Bugeja v Michelina Mirabita vol. VII. 386).

"Fil-kaz in ezami  ma rrizulta li kien hemm la talba gudizzjarja fis-sens imfisser u lanqas ebda ftehim illi l-interessi kellhom jigu kapitallizzati.  Ma kellu ghalhekk ebda ragun l-espert komputista jikkapitalizza l-interessi fuq l-ammont dovuti mis-socjeta` konvenuta.

"F'wahda min-noti tieghu l-konvenut nomine josserva illi minkejja illi fil-mori tal-kawza sar pagament akkont (ara nota ta' riduzzjoni ta' l-attur nomine), dan ma ttiehidx in konsiderazzjoni fil-kalkoli tieghu. Naturalment fi

kwalunkwe likwidazzjoni preciza ta’ l-ammonti rejalment dovuti, tali pagament u d-data ta’ meta sar, iridu jittiehdu in konsiderazzjoni anke ghall-finijiet ta’ l-interessi.

“L-istess jirrizulta illi l-espert komputista naqas li jiehu in konsiderazzjoni tal-fatt illi a tenur tal-klawsola tlieta (3) tal-ftehim raggunt bejn il-kontendenti fil-25 ta’ Awissu 1990 (Dok. A.C. 1), is-socjeta C & S kienet qed tinghata kreditu ta’ disghin (90) gurnata mill-kunsinna tal-merkanzija ghall-ewwel sena.  Dan in-nuqqas ukoll irid jigi indirizzat fil-kalkoli ta’ l-interessi fuq il-hlasijiet ghal dik l-ewwel sena ta’ negozju bejn il-kontendenti.

“Jidher illi hemm xi zbalji ohra fir-rapport peritali u l-appendici tieghu illi gew indikati fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut nomine li saret b’referenza ghal l-istess rapport [ara fol. 184 – 187 tal-process, partikolarment fil-paragrafi (d) u (e)].

“Ghaldaqstant tiddecidi f’dan l-istadju billi tordna illi l-process tal-kawza jerga’ jigi rimess lill-espert taghha s-sur John Bonnici sabiex dan jirrevedi l-kalkoli tieghu dwar dak li huwa dovut lil Camilleri Establishments Limited mis-socjeta` konvenuta, fid-dawl ta’ dak kollu li gie deciz f’din is-sentenza preliminari.

“L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali.”

Fid-decizjoni fil-meritu moghtija fil-5 ta’ Ottubru 2004 gie deciz hekk:

“Il-Qorti:

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta:

“Illi d-ditta konvenuta hija <u>debitrici</u> tad-ditta attrici fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf hames mija u tnejn u tletin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm27,532.81,0) u dan bhala bilanc ta’ somma akbar, sabiex jigi maghluq kont wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija ghall-istabbiliment ta’ BHS f’Ghawdex appartenenti lill-konvenut u dan kollu skond ‘sub-franchise agreement’: liema

somma tinkludi wkoll spejjez u hlas dovut skond l-istess ‘sub-franchise agreement’, kif ukoll interessi sal-31 ta’ Mejju 1995; Dokument “B” huwa rezokont tas-somma dovuta;

“Illi interpellat biex ihallas bil-fomm il-konvenut baqa’ inadempjenti;

“Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x’jaghti ghal hlas tieghu;

“Illi l-konvenut hallas l-ahhar pagament fit-18 ta’ Frar, 1995.

“Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Prevja d-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-Artikolu 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf, hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm27,532.81c0).

“Bl-interessi mill-ahhar ta’ Mejju 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment.

“Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine mahlufa minn Carmelo Camilleri.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa illi:
.
“1. Illi in linea preliminari din ic-citazzjoni saret intempestivament u l-esponenti ma ghandu ebda parti (sic) mill-ispejjez gudizzjarji involuti, ghaliex bhala fatt jirrizulta illi din ic-citazzjoni giet prezentata qabel ma’ l-atturi prezentaw kont dettaljat ta’ l-ammont illi huma kienu

qeghdin jippretendu illi ghandhom jiehdu minghand l-eccipjenti.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont illi l-esponenti ghandu realment ihallas lill-atturi ma hux ta’ LM27,532.81c kif mitlub fic-citazzjoni, izda ta’ Lm6653.19c. Skond il-kontijiet prezentati mill-atturi, invece, l-ammont dovut hu ta’ Lm7067.77c. L-esponenti gia` offra illi jhallas l-ammont globali mitlub mill-atturi – Lm7067.77c minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ l-interessi, u appena jsiru l-prattiki necessarji sabiex il-flus illi l-esponenti nomine ghandu frizati fil-bank minhabba l-mandant ta’ sekwestru prezentat mill-atturi jkunu jistghu jigu utilizzati sabiex isir dan il-pagament.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jsostni illi l-attur nomine ma hux intitolat jitlob interessi fuq l-ammont illi l-esponenti ghandu jhallsu, u fi kwalunwe kaz minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta’ interessi mitlub mill-atturi zgur illi huwa wiehed esagerat u bazat fuq metodu ta’ kalkolazzjoni ta’ l-interessi zbaljat.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine mahlufa minn Eucharist Cassar.

“Rat is-sentenza *in parte* taghha ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002.

“Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit komputista l-accountant John Bonnici, ipprezentata u mahlufa fil-11 ta’ Marzu 2003.

“Rat il-verbal taghha ta’ l-24 ta’ Gunju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u l-affidavits u dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

"Illi bis-sentenza *in parte* taghha hawn fuq indikata, l-Qorti kienet iggwidat lill-perit komputista msemmi dwar xi aspetti legali ta' kif kellhom isiru l-konteggi relattivi.[2] A bazi ta' din is-sentenza l-istess perit irrediga r-rapport addizzjonali tieghu u hareg bil-likwidazzjoni ta' l-ammont realment dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici. Infatti fil-parti konklussiva ta' dan ir-rapport jirrakkomanda illi l-Qorti: "...**tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm11,332.92 kapital u Lm527.13 imghax fid-data tac-citazzjoni, bl-imghax fuq il-kapital sad-data ta' l-effettiv pagament, imnaqqsa l-hlas** (recte hlas) **li sar waqt il-mori tal-kawza.**"[3] Rendikont tal-konteggi relattivi jinsabu annessi ma' u jiffurmaw parti ntegrali minn din ir-relazzjoni.[4] Hadd mill-kontendenti ma kkontesta dan ir-rapport addizzjonali u ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex taddottah *in toto*.

"Kif jghid l-istess perit komputista fil-konkluzjonijiet tieghu hawn citati, minn dawn l-ammonti jrid jitnaqqas il-pagament maghmul mis-socjeta` konvenuta fil-mori tal-kawza. Infatti fin-nota tas-socjeta` attrici tat-23 ta' Settembru 2002 fejn din irriduciet is-somma mitluba bl-ammont ta' sebat'elef sebgha u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm7067.77), jinghad illi dan il-pagament sar "*ftit tal-jiem wara l-prezentata tac-citazzjoni.*" Ghalhekk l-ammont li ghadu attwalment dovut lis-socjeta` attrici, in vista ta' dawn il-konkluzjonijiet peritali huwa ta' Lm11332.92 – Lm7067.77 = Lm4265.15 (erbat'elef mitejn hamsa u sittin lira Maltija u hmistax-il centezmu), flimkien ma' Lm527.13 interessi sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni u l-imghaxijiet ulterjuri fuq is-somma kif ridotta ta' Lm4265.15 mill-istess data tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:

"1. tiddikjara illi l-ammont realment dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kien ta' hdax-il elf tliet mija tnejn u tletin lira

[2] Ara sentenza ndikata ta' l-1.10.2002 a fol. 218 – 225 tal-process.
[3] Ara rapport addizzjonali a fol. 257
[4] a fol. 258-274.

Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm11,332.92) kapital u hames mija seba' u ghoxrin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm527.13) imghax;

"2. minhabba ll-pagament ta' sebat elef seba' u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm7067.77) ftit jiem wara li giet intavolata din il-kawza, l-ammont kapitali li llum ghadu dovut huwa ta' erbat'elef mitejn hamsa u sittin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm426.15); u

"3. konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici dan l-ammont kapitali kif ridott ta' Lm4265.15, flimkien ma' Lm527.13 interessi sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni u l-imghaxijiet ulterjuri fuq l-istess somma ta' Lm4265.15 mid-data tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza, peress illi l-ammonti realment dovuti fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kien ftit anqas min-nofs ta' dak mitlub, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti."

**L-APPELL TA' CARMELO CAMILLERI GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TAL-KUMPANIJA CAMILLERI ESTABLISHMENTS LIMITED**

2.1. L-attur nomine hassu aggravat biz-zewg decizjonijiet moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad, kemm bis-sentenza *in parte*, kif ukoll dik li ddecidiet il-mertu u interpona appell minnhom.

2.2. L-attur nomine jissottometti li l-espert komputista, fl-ewwel relazzjoni tieghu, kien korrett u gustament ikkalkola l-interessi dovuti mid-data tal-kunsinna tal-merkanzija stante li l-konvenut seta' jikkalkola l-prezz li bih kellu jbiegh il-merkanzija a bazi tad-*discette* tal-kompjuter li kien ikun hemm mal-merkanzija u ta' dak li jirrizulta mill-kuntratt ta' *sub-franchise*. Din il-konkluzzjoni pero` giet skartata mill-Qorti li ghalkemm iddecidiet korrettement li l-partijiet kellhom *credit agreement* u li l-interessi kienu dovuti, dawn kellhom jithallsu mid-data tal-fattura relattiva mahruga minn Camilleri Establishments Limited ghal kull

kunsinna maghmula lill-konvenut. Jillanja li bid-decizjoni tal-Qorti, l-attrici ser tircievi pagament li hu ferm inqas minn dak li kellha tircievi realment. Skond l-appellant nomine dik il-Qorti ma kkunsidratx illi –
i) ma' kull konsenja l-konvenut kien jircievi fattura mahruga minn BHS ta' l-Ingilterra;

ii) il-konvenuti kienu johorgu ghal-bejgh immedjatament l-*items* li jircievu , proprju ghaliex kienu jafu l-prezz ta' l-oggetti mill-*invoice* tal-BHS;

iii) anke l-kuntratt tal-25 ta' Settembru 1991 fl-Artikolu 3, jitkellem specifikament fuq *invoice* tal-BHS u mhux tas-socjeta` appellanti li fl-istess att hija maghrufa bhala CEL.

2.3. Aktar specifikatament, l-aggravji ta' l-appellant nomine huma s-segwenti –

i) **Il-Qorti ta' Prim Istanza injorat il-ftehim li sar bejn il-partijiet fil-25 ta' Settembru 1991,** liema ftehim jorbot lill-partijiet u huwa legalment validu stante li la jmur kontra l-ordni pubbliku u lanqas ma ghandu kawza illecita. Fl-Artikolu 3 il-ftehim jipprovdi specifikatament illi l-pagament fl-ewwel sena kellu jsir fi zmien 90 gurnata mid-data tal-BHS *invoice* (u mhux CEL *invoice*) u konsegwentement "payment shall become due on the date of arrival of the goods at Malta on sight." Jirrizulta li skond il-ftehim il-konvenuti kellhom jifthu *letter of credit* favur l-atturi u jhallsu *on sight* – kellhom ghalhekk ihallsu fuq BHS *invoice* u mhux fuq CEL *invoice* kif ikkonkludiet il-Qorti. Il-Qorti ma setghetx tikkonsidra li l-ftehim ma sarx jew m'ghadux applikabbli ghaliex ikkonkludiet illi dak stipulat fil-kuntratt ma kienx qed jigi osservat, stante li l-konvenut nomine ma fetahx il-*letter of credit* kif miftiehem.

ii) **Il-Qorti ta' l-ewwel grad applikat hazin il-provvedimenti tal-ligi fid-decizjoni taghha li l-imghax kellu jiddekorri b'effett mid-data tal-fattura mahruga minn Camilleri Establishments Limited ghal kull konsenja.**
L-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili jistabilixxi illi meta l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi

tistabilixxi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu *ipso iure*, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dik in-nhar li l-obbligazzjoni tkun giet esegwita.

Mill-provi rrizulta, dejjem skond l-appellant Camilleri, li l-konvenut kien ikun jaf dak dovut minnu lill-attrici mal-konsejna tal-merkanzija, peress li ma' kull konsenja kien jigi moghti *invoice* mahruga mill-BHS ta' l-Ingilterra u *diskette* bid-dettalji necessarji sabiex jahdem il-prezz ta' l-oggetti u johroghom ghall-bejgh. F'dawk l-okkazjonijiet meta d-diska jew ma kienitx tasal jew kienet inutilizzabbli, l-konvenut kien jinghata l-prezzijiet minn fuq it-telefon minn Tonio Camilleri.

Nonostante l-fthehim, il-konvenut kien naqas li jiftah *letter of credit* favur l-attur u biex jigi agevolat il-konvenut nomine bdiet tintuza sistema fejn bdiet tithallas lira maltija ghal kull lira sterlina indikata fil-fattura tal-BHS. Din is-sistema giet accettata mill-Qorti bhala dik li kienet tintuza bejn il-partijiet u kif inhu risaput fil-kummerc il-prassi jew konswetudini bejn il-partijiet tistabilixxi l-ligi. L-attur ghalhekk ma ghandux jigi penalizzat ghaliex wera fiducja fil-konvenut u adopera sistema li kienet qed tagevola lil dan ta' l-ahhar li kellu problemi finanzjarji.

Mix-xiehda ampja ta' Carmelo u Tonio Camilleri rrizulta li Eucharist Cassar kien qed jipprova jevadi l-obbligu li jhallas l-interessi li jaf li hu obbligat ihallas. Meta l-attur nomine talbu il-hlas tal-bilanc dovut bl-interessi hu kien jitlob biss ftit zmien peress li l-business kien sejjer hazin, imbaghad meta rrealizza li bilfors kellu jhallas l-imghaxijiet, qajjem l-argument li l-interessi ma kienux dovuti ghax ma jissemmewx fil-kuntratt. Sa dak inhar qatt ma sostna li l-interessi ma kienux dovuti ghaliex ma kienx ircieva l-kont jew ghaliex ma kienx jaf sew kemm kellu jaghti. L-istess Helen Cassar in kontroezami qalet li "il-prezz li kien jawtorizzani nbiegh kien jinkludi kollox anke profitt tieghi u anke handling charges." Inoltre ghalkemm Helen Cassar xehdet li l-BHS *invoices* li kienu jircievu kienu indirrizati lill-attur, nomine naqset li tghid li l-istess fatturikienu jinkludu biss ix-xoghol dirett ghal Ghawdex u kienu jaslu mal-kaxxi ta' dan ix-xoghol izda annettietli l-

*invoice*s ma kenitx tibghathom lura lill-atturi ghalkemm tipprova tiskuza ruhha billi tghid li kienet izzomhom ghall-kwantitattivi tal-merkanzija ricevuta. Izda ix-xiehda taghha hija kontradetta mill-*accountant* taghha li qal li hi kienet tghaddilu dawn il-fatturi sabiex ikun jista` jahdem kemm approssivament kellha thallas lill-attur nomine. Kieku dan ma kienx hekk il-konvenuti ma kienux jistghu johorgu l-items ghall-bejgh ghax ma kienux jistghu jipprezzaw ix-xoghol.

Ghalhekk ma hemm ebda prova li fil-kaz in ezami l-partijiet kienu intenzjonati jiddipartixxu mir-regola ordinarja li l-interessi jiddekorru mid-data tal-maturazzjoni tad-dejn u l-artikolu 1141 ghandu japplika. Dan aktar u aktar meta wiehed iqis li biex l-attur jopera n-negozju u jhallas lill-BHS ta' l-Ingilterrra hu kellu jiehu self li fuqu qed ihallas l-interessi. Inoltre, gie deciz mill-gurisprudenza li fejn l-ammont jista` jigi facilment determinat mid-debitur, l-interessi huma dovuti anke qabel ma l-ammont ikun likwidat. Fil-kaz odjern, l-ammont mhux talli kien determinabbli, talli kien qed jigi kontinwament determinat tant li kull oggett li jasal kien qed jinghata prezz u jitqieghed ghall-bejgh mill-konvenuti.

**iii) il-Qorti kienet zbaljata meta ddipartiet mill-ewwel rapport tal-Perit komputista John Bonnici u mill-konstatazzjonijiet hemm maghmula.** Il-Qorti kellha biss tvarja l-ammont ikkalkulat mill-Perit komputista billi tnaqqas LM7067.77 li thallsu fil-mori tal-kawza.

**iv) Il-konvenut nomine kien jaf jew kien f'posizzjoni li jaghraf kemm kellu jaghti lill-attur nomine.**
Mill-fattura tal-BHS il-konvenut nomine seta` jikkalkula l-ammont li kien certament dovut lill-attur nomine, izda dan la offra li jhallas ghallinqas dan l-ammont akkont u lanqas iddepositah fil-Qorti. Imbaghad meta saret il-kawza hallas ammont u qal li l-interessi ma kienux dovuti ghaliex ma ssemmewx fil-kuntratt. Meta imbaghad fehem li fit-transazzjonijiet kummercjali l-ligi timponi l-hlas ta' interessi jekk dawn ma jkunx gew eskluzi espressament, biddel il-verzjoni u kkontenda illi l-interessi ma kienux dovuti ghaliex ma kellhux fattura u b'hekk ma kienx jaf

kemm kellu jaghti. Dawn l-asserzjonijiet mhumiex veri stante li mal-konsenja tal-merkanzija huma kienu jircievu l-fattura tal-BHS kif miftiehem fil-kuntratt u *diskette* bil-prezzijiet u ghalhekk kellhom f'idejhom informazzjoni bizzejjed biex ikunu jafu kemm kellhom jaghtu.

Kuntrarjament ghal dak li qal il-perit komputista u l-Qorti, l-attur nomine ma kienx traskurat fl-obbligu tieghu li jibghat il-fatturi lill-konvenut nomine – fl-artikolu 3 tal-kuntratt kien gie miftiehem li l-hlas lill-attrici kien isir dovut mal-konsenja tal-fattura tal-BHS u mhux mal-konsenja tal-fattura tac-CEL (kif inhu maghruf l-attur nomine fil-kuntratt *de quo*). Dan kien gie miftiehem bl-iskop li l-process jigi mghaggel kemm jista` jkun ghaliex il-prodott in kwistjoni huwa stagjonali.

Ghalhekk talab lil din il-Qorti:
i) tirriforma s-sentenza preliminari tal-1 ta' Ottubru 2002 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn gie deciz li l-interessi huma dovuti u li dan kien *credit agreement* u mhux kont kurrenti u tirrevoka l-bqija tas-sentenza, partikolarment il-parti fejn gie deciz illi l-interessi jiddekorru mid-data tal-fattura mahruga mid-ditta attrici. Minflok tiddeciedi li l-interessi ghandhom jiddekorri mid-data tal-konsenja tal-merkanzija;
ii) thassar u tirrevoka s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004 u minflok tilqa` t-talbiet attrici fl-ammont mitlub kif ridott, jew ammont verjuri.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine.

## RISPOSTA TA' C&S SUPERMARKETS LIMITED

3. Skond is-socjeta` appellata, is-sentenzi appellati huma gusti u ghandhom jigu konfermati, hlief ghal kap ta' l-ispejjez, dwar liema interponiet appell incidentali.

Dwar l-aggravji ta' l-appellant, is-socjeta` appellata tissottometti li –
i) Il-partijiet jaqblu li ghandhom jiddekorru interessi fuq l-ammonti dovuti basta l-ammonti huma likwidi, jew ta' lanqas kienu facilment likwidabbli. L-ammont dovut lis-

socjeta` attrici ma seta` qatt jigi determinat qabel ma' l-attrici tipprezenta l-fattura taghha ghal dik il-konsenja partikolari, u issa l-konvenuta ma ghandhiex tbati ghal dan in-nuqqas u thallas interessi mid-data tal-konsenja meta ghal xhur shah dak l-ammont la kien likwidu u lanqas facilment likwidabbli minhabba li l-attrici naqset li tibghatilha l-fattura relattiva. Huwa ta' rilevanza kbira li matul il-perjodu kollu illi damu r-relazzjonijiet kummercjali bejn il-kontendenti, is-socjeta` attrici qatt ma ipprezentat *statement of account* lill-appellata, liema *statement* gie pprezentat biss wara li giet intavolata l-kawza odjerna, kawza lill-attrici ttentat tipprezenta bil-giljotina. Kienet ghalhekk korretta d-decizjoni tal-Qorti li l-appellata zgur li ma setghetx taghmel il-konteggi taghha a bazi tal-fatturi ta' l-Ingilterra stante li dawn ma kienux ifornu bizzejjed dettalji dwar kontijiet u spejjez izda kellha tirreferi ghall-fatturi rilaxxati dwar l-istess kunsinna mis-CEL.

Huwa veru li f'certi kazi s-socjeta` kienet tbiegh il-merkanzija li tkun irceviet billi tibbaza l-kalkoli taghha fuq l-assunzjoni li l-ispejjez ta' dwana, *handling charges* u prezz tal-merkanzija kien jekwivali f'liri maltin daqs kemm ikun indikat f'liri sterlini, izda dan kien isir ghaliex l-appellata ma tkunx ghadha irceviet dettalji bizzejjed sabiex tkun tista` tohrog il-prezz tal-merkanzija. Din ir-regola izda ma kienitx wahda infallibbli u mix-xiehda ta' Helen Cassar irrizulta illi kien hemm diversi okkazzjonijiet meta wara li jinhadmu l-kontijiet korretti fuq il-bazi ta' l-*invoice*s mibghuta mill-attur noe, kien ikun hemm varjazzjonijiet illi kien jlahhqu sahansitra aktar minn ghaxra fil-mija mill-prezz miftiehem. Inoltre, ir-rata tal-kambju bejn il-lira sterlina u dik maltija kienet tvarja f'dan il-perjodu. Dan apparti, kien hemm cirkostanzi fejn wara li l-merkanzija tkun lahqet inbieghet l-appellata kienet tigi pprezentata b'kontijiet ulterjuri mis-socjeta` attrici li hija kien ikollha thallas, u dan b'effett negattiv fuq il-profitti taghha. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jistax jikkonkludi li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kien likwidu jew wiehed facilment likwidabbli. L-attur nomine ma jistax jargumenta li ladarba l-appellata irceviet l-fattura tal-BHS, l-attur nomine kien ezegwixxa l-obbligi tieghu dwar il-kontabilita` u likwidita`.

Tissottometti li tul il-perkors tal-kawza, l-attur nomine qatt ma bbaza t-talba tieghu fuq l-ammont rizultanti mill-BHS *invoice* izda fuq dak rizultanti mill-fattura ta' CEL. Tant li Helen Cassar xehdet, u dan minghajr ma giet kontradetta, illi Tonio Camilleri kien sostna maghha li s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex dritt tqajjem xi mistoqsija dwar l-*istatement of account* tal-BHS ta' l-Ingilterra u lanqas ghandha dritt tara dan l-istatement. Dan kollu hu dovut ghall-fatt illi ghalkemm meta gie iffirmat il-ftehim originali il-partijiet kienu assumew illi l-fattura rilaxxata mill-BHS ta' l-Ingilterra kellha tirregola l-kontijiet ta' bejniethom, meta bdew ihaddmu r-relazzjoni kummercjali bejniethom irrealizzaw illi din is-sistema qatt ma setghet tahdem minhabba l-varjazzjonijiet diga` msemmija u ghalhekk ftehmu reciprokament illi l-ammont dovut mill-appellata kellu jinhadem a bazi ta' fattura ad hoc li kellha tigi rilaxxjata mis-socjeta` attrici. Anki l-istess perit komputista wasal sabiex ikkonceda li bi ftehim reciproku bejniethom, il-partijiet kienu iddipartew minn dak miktub fl-iskrittura tal-25 ta' Awwissu 1990 billi fost ohrajn, minflok ma infethet *letter of credit* kif stabbilit fil-ftehim, il-pagament isir in kontanti.

Li kieku wiehed jaccetta l-argument ta' l-appellant nomine, allura l-fatturi mahruga minn CEL kienu jinhargu ghal xejn u s-socjeta` attrici ma jkollha dritt tippretendi xejn izjed ghajr l-ammont rizultanti mill-fattura ta' BHS.

ii) L-appellata tispera li l-attrici mhijiex qed tippretendi, li din il-Qorti ghandha taddotta *in toto* l-ewwel rapport tal-perit komputista, li kien mimli zbalji, ghax jekk dan hu l-kaz allura dan it-tielet aggravju ta' l-appellant nomine hu wiehed frivolu u vessatorju u l-appellant nomine ghandu jehel il-penalitajiet komminati fl-artikolu 223(4) tal-Kap 12.

L-ewwel Qorti mhux biss skartat id-decizjoni tal-perit komputista dwar l-interessi izda ikkoregiet diversi zbalji, ossija –

a) l-appellata giet akkredita biss b'pagament wiehed ta' LM1000 meta hija hallset zewg pagamenti – fit-2 ta' Ottubru 1993 u fl-10 ta' Ottubru 1993;

b) hemm zball ta' addizzjoni semplici fl-appendici B tar-rapport;

c) gie likwidat ammont akbar minn dak mitlub mill-attur nomine;

d) il-Perit adotta l-prattika li jikkapitalizza l-interessi dovuti lill-attur nomine f'intervalli ta' inqas minn sena, meta l-gurisprudenza tghid illi din il-prattika hija illegali u vjetata mil-ligi, anke meta tigi adoperata minn banek kummercjali;

e) il-perit komputista naqas li jaghti d-90 gurnata kreditu mill-konsenja ghall-perjodu ta' sena minn meta dahal fis-sehh il-ftehim.

**L-APPELL INCIDENTALI TAS-SOCJETA` C&S SUPERMARKETS LIMITED**

4. Is-socjeta` konvenuta tissottometti li jekk jigi mnaqqas l-ammont ta' LM7067 imhallas *pendente lite*, jirrizulta li l-ammont likwidat favur l-attur nomine huwa kwint mill-ammont pretiz. Inoltre, l-maggior parti ta' l-ispejjez tal-kawza gew inkorsi jew minhabba l-izbalji grossolani li fihom inkorra l-espert komputista, jew minhabba l-insistenza ta' l-atturi ghall-hlas ta' ammont ferm aktar minn dak realment dovut u ghalhekk hadd ma jista' jghid li l-appellata hija responsabbli daqs l-attur ghall-ispejjez tal-kawza.

Ghalhekk C. & S. Supermarkets Limited talbet lil din il-Qorti li s-sentenza finali tigi varjata fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez u minflok li dawn jithallsu ugwalment bejn il-kontendenti, jigu invece sopportati mill-attur nomine fi kwota akbar, li tkun tirraprezenta b'mod aktar gust ir-rispettiv rebh u telf tal-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5.1. Qabel ma jigu trattati l-aggravji ta' dan l-appell ghandu jigi rilevat illi l-lanjanzi kif esposti fir-rikors ta' l-appell ta' l-attur nomine, huma identici ghas-sottomissjonijiet maghmula minnu fin-Nota ta'

Osservazzjonijiet pprezentata fil-25 ta' Awissu 1998[5]. Din in-nota, flimkien mas-sottomissjonijiet maghmula mill-kontroparti kienu saru sabiex jigu ezaminati mill-Perit komputista qabel ma dan kien ipprezenta l-ewwel relazzjoni tieghu. Ghaldaqstant l-argumentazzjoni migjuba mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu mhux biss gew konsiderati mill-Perit Tekniku izda wkoll mill-Qorti ta' l-ewwel grad, li wara ezami ta' l-inkartament kienet ddecidiet li l-imghaxijiet dovuti fuq il-kapital kellhom jiddekorru mid-data tal-fattura ta' CEL ghal kull konsenja.

5.2 Jerga' jigi ribadit illi hija gurisprudenza pacifika li fin-nuqqas ta' provi li juru li jezistu ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, il-Qorti tat-tieni grad kemm jista` jkun ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel qorti. Dan isir biss jekk l-appellant, ghaliex fuqu tinkombi l-prova, jissodisfaha li hemm ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentment jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta. Li jfisser allura, illi fejn, wara konsiderazzjoni ta' l-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzzjoni raggunta, il-Qorti ta' revizjoni tkun fid-dmir li tiirriforma s-sentenza u anke tqeghdha in disparte.

6.1 Il-pern tar-rikors ta' appell ferm elaborat ta' l-attur nomine jittratta l-kwistjoni tal-mument minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet fuq il-bilanc dovut lis-socjeta` attrici. Dan ghaliex, l-attur nomine ma jaqbilx mad-decizjoni preliminari ta' l-1 ta' Ottubru 2002 fejn, fost affarijiet ohra l-Qorti ddecidiet li tvarja d-decizjoni tal-Perit Tekniku li l-interessi fuq l-ammont dovut ghall-merkanzija gejja mill-Ingilterra kellhom jiddekkorru mid-data tal-konsenja ta' kull lott ta' merkanzija lis-socjeta` C&S Supermarkets limited. Skond l-appellant nomine d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li l-imghaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva mahruga mis-

[5] fol 62

socjeta` attrici Camilleri Establishments Limited dwar kull konsenja hija zbaljata, ghaliex il-konvenut nomine kien jaf il-prezz li bih kellu jbiegh l-oggetti, u allura jasal ghal dak dovut lill-attur nomine ghab-bazi tal-fattura rilaxxjata mill-BHS ta' l-Ingilterra u tad-*diskette* tal-kompjuter li Anthony Camilleri, direttur tas-socjeta` attrici, kien jibghat mal-merkanzija, liema fattura kien ikollha l-informazzjoni kollha necessarja sabiex il-konvenut jahdem il-prezz ta' l-oggetti u johroghom ghall-bejgh. Jghid li l-Qorti "njorat kompletament il-ftehim li sar bejn il-partijiet li jaghmel ligi bejniethom" u ma tatux importanza "meta fil-fatt kellu jkun fic-centru tal-kwistjoni mertu tal-kawza" ghaliex l-artikolu 3 jipprovdi espressament li wara li tghaddi l-ewwel sena, f'liema perjodu il-konvenut kellu kreditu ta' disghin gurnata mid-data tal-fattura tal-BHS "payment shall become due on the date of arrival of the goods at (recte - in) Malta on sight". Dan il-kuntratt kien jistipula kif kellhom jigu kkalkolati l-ispejjez biex il-konvenut ikun jista` jasal ghal ammont dovut minnhom u l-fatt li l-metodu ta' pagament hemm stipulat ma giex utilizzat, ma jintitolax lill-Qorti li tiddeciedi li l-ftehim ma baqax applikabbli jew li qatt ma sar.

L-appellant nomine jghid li l-gurisprudenza hija fis-sens li meta d-debitu hu cert u huwa facilment likwidabbli il-massima *in liquidans non fit mora* mhijiex applikabbli, tant li fis-sentenza fl-ismijiet **Tabone v. Degabriele**[6] intqal li jekk id-debitur jaf jew seta` sar jaf l-ammont dovut, l-imghax jiddekorri anke qabel mad-debitu jigi likwidat. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar minn meta kienu dovuti l-imghaxijiet ghaliex ma tatx l-importanza necessarja (dejjem skond l-appellant) lill-kliem "jew li mhumiex facilment determinabbli" – ghaliex mill-provi rrizulta car li l-ammont dovut mhux talli kien determinabbli, talli kien qed jigi kontinwament determinat tant li kull oggett li wasal ghand il-konvenuti kien jigi pprezat minnhom u mqieghed ghall-bejgh.

6.2 Minn qari tas-sentenza preliminari tal-1 ta' Ottubru 2002 jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet ezaminat bir-reqqa l-

[6] 21 ta' April 1961

atti tal-kawza inkluz l-iskrittura li l-partijiet kontendenti kienu ffirmaw fil-25 ta’ Awwissu 1990[7] sabiex jirregolaw ir-relazzjoni kummercjali ta’ bejniethom. Mill-istess ftehim jirrizulta li s-socjeta` Camilleri Establishments Limited (CEL) ghandha *franchise* mal-kumpanija Ingliza BHS biex tbiegh f’Ghawdex il-prodotti kollha manifatturati jew mibjugha mid-ditta BHS. Min-naha taghha, is-socjeta` C & S Supermarkets Limited kienet obbligat ruhha li ma tbieghx prodotti ta’ ditti ohra mill-hanut li minnu kienet se tbiegh il-prodotti tad-ditta BHS. Fl-istess skrittura kienu gew stipulati diversi kundizzjonijiet biex jirregolaw din ir-relazzjoni kummercjali, fosthom dawk dwar ordnijiet, hlas u konsenja tal-merkanzija *de quo*. Fil-fehma ta’ l-appellant, il-Qorti ma tatx importanza lil dan il-ftehim li kellu jkun centrali fis-soluzzjoni tal-vertenza odjerna. Kieku ghamlet dan, kienet tiddeciedi li l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tal-fattura tal-BHS li kienet tkun mal-merkanzija konsenjata u dan ghaliex l-artikolu 3 ta’ dan il-ftehim jipprovdi li wara l-ewwel sena, fejn il-konvenut gie moghti 90 gurnata zmien mid-data tal-fattura ta’ BHS biex ihallsu, “payment shall become due on the date of arrival of the goods at (recte – in) Malta on sight” u jkompli jispjega li “date of arrival of the goods shall be deemed to be the date on which CEL shall present to the issuing bank the BHS *invoice* in respect of the goods so ordered.”

6.3 Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma’ dan l-ahhar argument ta’ l-appellant nomine u hija tal-fehma li s-soluzzjoni tal-kwistjoni ma setghetx tinstab b’referenza ghal Artikolu 3 ta’ dan il-ftehim. L-Artikolu 3 tal-ftehim jitratta biss il-hlas permezz ta’ *irrevocable letter of credit* li s-socejta` konvenuta kellha tohrog favur is-socjeta` attrici, kif wara kollox jinsab indikat fit-titolu ta’ l-istess artikolu. L-artikolu izda ma jghid xejn dwar modalitajiet ohra ta’ pagament tant li ma hemmx stipulat illi “payment shall become due…” izda li “the LC shall become due”. Mill-provi rrizulta kjarament li bi qbil unanimu bejn il-partijiet il-modalita` ta’ hlas kif stipulata fil-ftehim imsemmi ma baqghetx tigi osservata minnhom, tant li l-istess attur xehed li l-*letter of credit* giet adoperata darba biss. Ma

[7] Dok AC! – fol 275

jidhirx li kien hemm xi oppozizzjoni ghal dan min-naha ta' l-attur nomine li baqa' jinnegozja mal-konvenut nomine. Infatti ghal xi zmien bdiet tigi adoperata sistema fejn il-konvenut nomine kien ihallas lira maltija ghal kull lira sterlina indikata fil-fattura li tkun inharget mis-socjeta` Ingliza BHS. Il-partijiet ma jaqblux dwar min kien ippropona din is-sistema – l-attur xehed li dan kien sar biex jigi agevolat il-konvenut, u Helen Cassar xehdet li din il-modalita` ta' hlas kienet giet suggerita minn Tony Camilleri li qalilhom li bhala "rule of thumb il-valur approssimattiv ta' l-oggetti f'Malta wara li jithallsu d-dazju, trasport etc, kienu ekwivalenti ghall-ammont muri fi sterlini fuq il-fattura ghal liri Maltin." Huwa probabli izda li din is-sistema giet proposta mis-socjeta` attrici a vantagg taghha stante li l-istess appellant jghid fir-Rikors ta' Appell li fil-kummerc l-ghaggla hija essenzjali, aktar u aktar fejn il-merkanzija tkun stagjonali. Skond Helen Cassar u l-accountant tas-socjeta` appellata din is-sistema kienet taghti rizultati approssimattivi wisq u "kienet tvarja minn zmien ghal zmien skond ir-rata tal-kambju f'dak iz-zmien partikolari u ahna ma stajna qatt nadottaw din bhala sistema adegwata li fuqha nibbazaw l-accounts[8]" Irrizulta in fatti li s-sistema ma baqghetx tigi uzata regolarment mill-konvenut nomine tant li dan waqa` lura fil-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici u din istitwiet il-kawza odjerna.

7.1 Kif jirrizulta mill-atti ta' dan l-appell, f'dan l-istadju tal-proceduri l-partijiet kontendenti qed jaqblu li l-imghaxijiet huma dovuti – fatt li l-konvenut nomine qatt ma jmissu kkontesta stante li hawnhekk ghandha obbligazzjoni ta' natura kummercjali fejn l-imghaxijiet jiddekorru *ipso iure* (Art. 1141(1) tal-Kodici Civili). L-appellata izda tinsisti li l-interessi fuq il-kapital dovut jiddekorru biss jekk l-ammont ikun likwidu jew ghallinqas facilment likwidabbli. Skond l-appellant l-ammont huwa facilment likwidabbli u l-konvenuti kellhom hafna materjal f'idejhom – fosthom il-fattura tal-BHS ta' l-ingilterra li kienet tindika l-merkanzija ta' Ghawdex biss u l-informazzjoni kontenuta fid-*diskette* li kien jibghat Anthony Camilleri. Fil-fehma ta' l-appellant nomine l-fattura tas-socjeta` CEL ma kenitx necessarja u

[8] fol 118

l-konvenut nomine kien qed isib skuza sabiex ma jhallasx l-interessi.

7.2. Din il-Qorti ezaminat il-provi u d-dokumenti pprezentati fl-atti ta' din il-kawza u hija tal-fehma li d-decizjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward hija korretta u ineccepibbli. Bis-sistema adoperata bejn il-partijiet, fejn is-socjeta` attrici kienet tibghat il-fatturi taghha b'mod irregolari, il-konvenut nomine qatt ma kien ikun jaf kemm kellu jhallas lis-socjeta` CEL ghaliex l-ispejjez ta' dwana, *handling* u *documentary charges* dovuti u t-taxxi kienu jithallsu mis-socjeta` CEL, imbaghad wara d-direttur ta' din is-socjeta` kien jikkalkola dak dovut lis-socjeta` CEL mill-appellata billi jiggruppa numru shih ta' konsenji flimkien u jibghat kont lis-socjeta` konvenuta, u dan anke bosta xhur wara[9]. Ix-xiehda ta' Anthony Camilleri, li l-ammont attwalment dovut lill-CEL kien jikkomunikah lill-konvenut immedjatament meta tasal il-fattura ta' BHS u qabel ma tkun waslet il-merkanzija[10] hija inverosimili u dan ghaliex mill-istatements ppreparati mill-perit komputista ghab-bazi tad-dokumenti esebiti mill-partijiet jirrizulta kjarament illi fl-ewwel snin, fejn kienet qed tithaddem is-sistema ta' hlas ta' lira maltija ghal kull lira Ingliza specifikata fil-fattura ta' BHS, il-konvenut nomine ghamel pagamenti f'ammont ferm ikbar minn dak li kien dovut lis-socjeta` CEL. Dan gie spjegat minn Joseph Cordina, l-accountant tas-socjeta` appellata li qal li l-pagamenti akkont kienu qed isiru ghax il-fatturi tal-BHS li Helen Cassar kienet qed tghaddilu kienu jwasslu biss ghall-ammonti approssimattivi u ghax ma jkunux waslu l-fatturi tas-socjeta` CEL. Il-fatturi ta' CEL kienu differenti minn dawk ta' BHS li ghalkemm kienu jinkludu deskrizzjoni ta' l-oggetti mixtrija mill-konvenut nomine u l-prezz kemm f'liri sterlini u l-prezz li bihom kellhom jinbieghu l-oggetti f'liri maltin, ma kienux jinkludu l-ispejjez u lanqas kien ikollhom indikazzjoni tar-rata tal-kambju applikabbli ghal kull konsenja.

7.3. Li dawn il-fatturi kienu jdumu biex jintbaghtu lis-socjeta` appellata huwa konfermat mill-istess Anthony

---

[9] Dok 45-60
[10] fol 113

Camilleri li spjega wkoll li “l-*invoice*s taghna klienu jkunu separati mill-*invoice*s tal-BHS ghax jinkludu l-fees u charges u spejjez ohra skond klawsola 5 tal-kuntratt. Fil-kaz ta’ l-i*nvoice* taghna l-prezzijiet kienu jinqalbu bir-*rate of exchange* ufficjali. Ghalhekk Helen kienet tkun taf bl-ammont dovut bi precizjoni meta tircievi l-*invoice* taghna. Ma nafx meta tajnijhom l-ewwel darba l-*invoice*s izda zgur li ma kienx snin wara li bdejna n-negozju[11]” Inoltre, r-rata tal-kambju riedet tigi komunikata mill-attur nomine stante li kienet dik “based on that of the date of payment by CEL to BHS[12]”.

7.4. Fid-dawl ta’ dan kollu jirrizulta li l-konvenut nomine ma setax agevolment ikun jaf kemm kellu jaghti lis-socjeta` attrici qabel ma kien jircievi l-fatturi ta’ CEL. Hawn mhux kaz fejn wiehed seta jistabilixxi s-somma pretiza b’semplici kalkolu ta’ matematika izda kellha tigi provduta informazzjoni ulterjuri dwar l-ispejjez addizzjonali, kif ukoll rati tal-kambju varji li setghu biss jigu pprovduti mill-appellant nomine. Tant hu hekk li kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti biex l-espert komputista wasal biex hadem l-imghaxijiet dovuti mill-konvenuta kellu juza wkoll il-fatturi rilaxxjati minn CEL u mhux biss dawk ta’ BHS li ma jikkontjenux dettalji dwar l-ispejjez u *charges* dovuti lill-attur nomine. Kif gustament irrimarket l-ewwel Qorti "kieku dawn il-fatturi intbaghtu regolarment u fi zmien qasir wara l-kunsinna tal-merkanzija lis-C & S, il-konvenut nomine ma kien ikollu ebda skuza ghad-dewmien fil-hlas u tali dewmien kien certament ikun a skapitu tieghu.”

Ghar-ragunijiet hawn premessi l-appell ta’ l-attur nomine qed jigi michud.

**<u>DWAR L-APPELL INCIDENTALI</u>**

8.1 Jibqa’ ghalhekk li jigi deciz l-appell incidentali interpost mis-socjeta` konvenuta C & S Supermarkets Ltd li huwa cirkoskritt ghall-kap ta’ l-ispejjez. Skond il-konvenuta, hija ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza daqs l-attur nomine izda “fi kwota

[11] fol 109
[12] fol 277 – art. 5

mill-ammont pretiz mill-attrici li huma gew kundannati ihallsu – cjoe` kwinta parti, u mhux aktar".

8.2 B'mod generali il-mod kif jithallsu l-ispejjez gudizzjarji huwa regolat bl-artikoli 223 sa 225 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana li normalment kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lill-parti sokkombenti ghall-ispejjez. Din izda mhijiex norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix varjazzjoni. Infatti minn ezami ta' l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizjonijiet mill-Qrati, insibu li jekk jirrizultaw motivi gusti l-ispejjez jistghu jigu ghal kollox jew in parti kompensati, per ezempju, minghajr taxxa jew ripartiti f'xi proporzjon ohra (**F. Vella v. J. Debono[13]).** Jezistu sitwazzjonijiet fejn addirittura l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha[14]. Dak li hu cert hu illi l-konkluzzjoni ghandha tkun dik li ghandhom jigu kkunsiderati c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz[15].

8.3 Fil-kaz *de quo* jidher li l-gustizzja ma gietx ghal kollox sodisfatta bl-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti fil-mod ta' kif ghandhom jigu sopportati l-ispejjez. F'dan ir-rigward ghalhekk tinhass il-htiega li dina l-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tal-Qorti ta' prim istanza. Din il-Qorti taqbel mal-konvenuta li l-ispejjez ma kellhomx jigu spartiti ugwalment bejn il-partijiet izda *pro rata* tar-rebh u s-sokkombenza, u dana minhabba d-differenza bejn l-ammont reklamat u dak ottenut mill-attur nomine.

L-attur nomine kien talab l-ammont ta' LM27,532.81c, liema ammont kien sussegwentement gie ridott ghal LM20,465.04c b'nota ta' riduzzjoni tat-3 ta' Settembru 2002, stante pagament ta' Lm7067.77c li sar "ftit jiem wara l-prezentata tac-citazzjoni" (cioe` fl-1995!). Wara d-decizjoni preliminari ta' l-1 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti ndikat lill-Perit komputista li l-interessi fuq l-ammont pretiz kellhom jigu komputati b'effett mid-data tal-fattura rilaxxjata minn Camilleri Establishments Limited, il-Perit, f'relazzjoni pprezentata f'Marzu 2003, illikwida l-ammont ta' LM11,332.92c kapital u LM527.13 imghax fid-data tac-

[13] Prim Awla – 29 ta' Ottubru 1964
[14] Vol XXVU I 173; Vol XXXIX I 342)
[15] Vol XXIX II 389

citazzjoni. Minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ LM7067.77c imhallas fil-mori tal-kawza. B’hekk kif qalet l-ewwel qorti, l-ammont li kien dovut kien ta’ LM4265.15c u l-imghax ta’ LM527.13c sad-data tac-citazzjoni u l-imghax ulterjuri fuq il-kapital sad-data tal-pagament effettiv. Ghaldaqstant l-ammont likwidat huwa ftit inqas minn kwart ta’ l-ammont pretiz. L-ispejjez ghalhekk kellhom jigu sopportati kwantu ghal parti wahda minn erbgha mill-konvenut nomine u tlett partijiet minn erbgha mill-attur nomine. L-appell incidentali qieghed ghalhekk jigi milqugh billi l-aggravju dwaru jirrizulta gustifikat.

Ghar-ragunijiet hawn premessi, il-Qorti tichad l-appell ta’ l-attur nomine u tilqa` l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant qeghda tikkonferma s-sentenza preliminari ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 kif ukoll dik tal-5 ta’ Ottubru 2004, salv ghall-kap ta’ l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza li ghandu jigi sopportat kwantu ghal parti wahda minn erbgha ($^1/_4$) mill-konvenut nomine u r-rimanenti tlett partijiet ($^3/_4$) mill-attur Carmelo Camilleri nomine.

Fl-ahharnett, tirrileva illi l-imghax ulterjuri ghandu jiddekorri fuq is-somma kollha kif hekk likwidata sad-data tal-pagament effettiv stante li ghalkemm giet ipprezentata kopja ta’ korrispondenza li d-difensur ta’ l-appellata baghat lid-difensur tal-kontroparti, fejn dan wera l-intenzjoni li jhallas l-ammont likwidat jew li jiddepozita l-flus fir-Registru ta’ dawn il-Qrati, ma jirrizulta li hemm xejn fl-atti sabiex jindika jekk dan il-pagament effettivament sarx.

L-ispejjez ta’ l-appell principali jibqghu a karigu ta’ l-attur nomine u dawk ta’ l-appell incidentali jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------